**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U ERBGĦIN**

**24 ta' MARZU, 2014**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**47.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 46 u tal-laqgħa annwali.***

47.1.1 Fir-rigward ta' punt 46.2.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia spjega lill-Kumitat Amministrattiv li kellu laqgħa mal-Perit Bezzina fuq il-post indikat fl-ilment u kien hemm qbil li jitkellem ma' resident fil-viċin minħabba li jekk it-triq issir bil-livelli li qed jitlob il-Kumitat Amministrattiv, tali resident jista' jbati minn konsegwenzi ta' ilmijiet meta tagħmel ix-xita. Dan il-każ ser jerġa jitressaq f'seduta oħra.

47.1.2 Fir-rigward ta' punt 46.4.2 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jerġa jikkomunika ma' Agius Stone Works fir-rigward ta' xogħol li sar fuq l-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra.

47.1.3 Fir-rigward ta' punt 46.4.3 il-Kumitat Amministrattiv qabel li terġa tintbagħat reminder lill-Perit Lewis fuq il-każ.

47.1.4 Il-minuti tas-seduta 46 ġew approvati.

## *47.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

47.2.1 Kien hemm qbil unanimu li x-xogħol ta' *patching* li qed isir bħalissa mhux aċċettabbli. Qed ikun hemm ħafna żrar madwar il-ħofor li qed ikunu ppaċjati u *sealing* mhux qed isir sew, jew mhu qed isir xejn. Barraminhekk għandu xogħol pendenti li ilu xhur ordnat.
Dan il-punt ser jiġi mqajjem waqt is-seduta tal-Kunsill li jmiss biex tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur.

## *47.3 Attivitajiet Kulturali*

47.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat Amministrattiv li taħt l-iskema ta' Inizjattivi Kulturali Memo 25/2013 il-Kumitat Amministrattiv ħa dan li ġej:

Attivita' imressqa mill-Kumitat Amministrattiv bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV – **Iż-Żrieraq fl-Imgħoddi – data 26 ta' April, 2014 – ħlas ta' €2,000 mill-iskema.**

Attivita' imressqa mill-Kumitat Amministrattiv bl-għajnuna tas-Soċjeta' Mużikali Santa KatarinaVM – **Re-enactment of the Traditional Maltese Wedding – data 17 ta' Mejju, 2014 – ħlas ta' €3,000 mill-iskema.**

Kien hemm qbil unanimu li għaż-żewġ attivitajiet, il-Kumitat Amministrattiv jieħu ħsieb li jordna u jħallas dan li ġej:

- l-elettriku,
- servizz ta' wardens,
- permessi meħtieġa,
- mobile toilets
- tindif ta' wara l-attivitajiet,
- St John Ambulance

## *47.4 Imenti u Suġġerimenti*

47.4.1 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn:

- isir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Santa Marija u s-*side roads.*
- Jitwaħħlu 3 lampi ġodda fi Triq Ħal Far, sabiex iż-żona ta' Bubaqra f'din it-Triq tkun kompluta.

Kien hemm qbil li jinġibu l-permessi kollha meħtieġa u tali lampi jsiru waħda waħda, minħabba n-nefqa.

- Issir manutenzjoni ta' *traffic island* fi Triq ir-Rettur – kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.
- Bżonn li titnaddaf tabella li turi direzzjonijiet fejn il-kappella ta' Sant Agatha. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.
- Bżonn li tiddawwar mera li hemm fejn l-istess kappella. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

47.4.2 Kien hemm qbil li titwaħħal tabella biex ma jintremiex skart fejn intalbet fi Triq Dun Salvatore Magri.

47.4.3 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat li għalkemm intbagħtu avviżi bieb bieb, biex l-iskart tal-borża s-sewda ma jinħariġx kull nhar ta' Tlieta u Ħamis, ċertu residenti xorta qed joħorġuh u jħalluh f'art mitluqa fi Triq il-Qiegħa.

47.4.4 Il-membru Annetto Bugeja ġibed l-attenzjoni ta' ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fi Triq Zakkarija Ronkali. Kien hemm qbil li tiġi nfurmata l-pulizija.

47.4.5 Il-membru Joseph D'Amato qal li ħaddiema tal-ELC naddfu t-*traffic island* fi Triq San Martin mill-ġebel u ħallewh gozz. Kien hemm qbil li jitneħħa bis-servizz tal-Bulky Refuse.

***47.5 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

47.5.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 21ta' April, 2014 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet b'dan il-punt fuq l-aġenda fis-7.30pm.

Konfermati, illum ___ ta' April, 2014.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**